II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1404

tat-28 ta' Ġunju 2021

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika tat-Tuneżija dwar Ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fil-11 ta' Diċembru 2017.

(2) L-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni ma jaffettwax il-qasma tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tiġix interpretata bħala li tagħmel użu mill-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward ta' oqsma koperti mill-Ftehim li jaqgħu taħt il-kompetenza kondiviża fejn tali kompetenza tkun għadha ma ġietx eżerċitata internament mill-Unjoni.

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi ([1]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa sabiex jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

([1]) It-test tal-Ftehim jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
M. do C. ANTUNES